# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 64

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u kwart ta' waranofsinhar (5:15pm) nhar **it-Tnejn 13 ta' Novembru 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**ASSENTI :**

Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**64.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

64.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa 63.**

64.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 63 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**64.3 Korrispondenza**

64.3.1 Preżentata ittra mibgħuta mill-Onor. Prim Ministru Dr. Robert Abela fejn qed jinforma lis-Sindku li l-ebda marina ma kienet ser tiġi żviluppata f'Sally Port. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li jekk il-kunsill jaqbel, jitlob biex issir laqgħa mal-Prim Ministru sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett. Is-Sindku qal li jekk dan hu possibbli, ikun tajjeb ħafna.

64.3.2 Preżentata ittra mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Chris Bonett dwar il-possibilità li jsir restawr tal-faċċata tal-Oratorju ta' San Ġużepp fil-Birgu. Ebda risposta ma waslet għal din l-ittra.

64.3.3 Preżentata ittra mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Roderick Galdes dwar residenza fi Triq l-Antika fil-Birgu li l-gallariji tagħhom huma perikolużi. Din ir-residenza hija abbandunata u tkun aħjar kieku tiġi restawrata u tingħata lil żgħażagħ mill-Birgu. Ebda risposta ma waslet għal din l-ittra.

64.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Norbert Gatt rigward il-fondi għas-snin li ġejjin għall-ħsarat tad-dawl fiż-żona tal-Collachio.

64.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-President tar-Reġjun Port is-Sur Pawlu Farrugia f'isem is-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara sabiex tingħata għajnuna finanzjarja ta' ħamsin elf Ewro għall-attività tal-aħħar tas-sena.

64.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Michael Cohen dwar ix-xogħol li se jsir fuq il-bridge li jagħti lejn il-Forti ta' Sant Anġlu.

64.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Emeline Fenech f'isem Infrastructure Malta dwar ix-xogħol infrastrutturali li qed jiġi pjanat fi Triq il-Miratur, Triq il-Kunvent u Triq Bettina.

64.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta fejn qed japprovaw li Triq Wenzu Attard tingħalaq u ssir 'Pedestrian Only'.

64.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn approvaw il-permess sabiex fi Triq Wenzu Attard jitwaħħlu l-bollards sabiex tkun triq pedonali biss.

64.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Melvin Attard dwar l-attività Spectrum Ball in aid of The Malta Autism Centre. Is-Sindku propona li tingħata għotja ta' ħames mitt Ewro għal dan il-għan. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

64.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rita Micallef minn Optimist Malta dwar l-għajnuna li għandhom bżonn għall-attività li se ssir il-bandli fit-18 ta' Novembru 2023.

64.3.12 Preżentat il-ftehiem li sar bejn il-Malta Production Hub u l-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar id-donazzjoni ta' ħamest elef Ewro (€5000) li ser tingħata b'risq il-festin tat-tfal u tal-anzjani tal-Milied, u dan sabiex ikun jista' jsir *filming* fit-13 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru.

64.3.13 Preżentata Ċirkulari Numru 18/2023 dwar it-tmiem tal-kariga tad-Direttur Ġenerali Natalino Attard u d-Direttur Ġenerali l-ġdid is-Sur Emile Vassallo.

64.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Ryan Fava mill-Enemalta dwar id-dawl ta' Triq il-Piccolo Soccorso (Sally Port) li għadu ma ġiex installat.

64.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Edgar Gatt dwar il-permess PA6241/23 fejn qed jitlob li l-kunsill lokali joġġezzjona għal din l-applikazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li ssir l-oġġezzjoni.

64.3.16 Preżentat il-ftehiem iffirmat mal-Kunsill Lokali ta' Jablonna dwar il-finanzjament għall-konferenza tal-proġett WASTE li se ssir f'Malta f'Novembru.

64.3.17 Preżentata l-korrispondenza bl-invit għall-ftuħ ta' Dar Bla Ħitan fi Triq il-Kan. Luigi Fenech fil-Birgu. Is-Sindku qal li min-naħa tal-kunsill ma' attenda ħadd. Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li b'hekk twassal il-messaġġ li l-kunsill kien u għadu kontra li din ir-residenza infetħet fil-Birgu.

64.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Cristina Attard f'isem Għaqda Sajjieda Dilettanti Birgu sabiex issir laqgħa bejn il-kunsilli lokali tal-Birgu, Bormla u l-Isla flimkien ma' din l-għaqda sabiex jaraw it-triq 'il quddiem mal-Grand Harbour Marina. Is-Sindku qal li hu wieġeb li l-GHM għandha tkun preżenti għal din il-laqgħa u jekk dawn ma jattendux, is-Sindku ma kienx ser jattendi l-laqgħa msejjħa.

64.3.19 Preżentata ittra rigward il-proġett MEDIA4ALL fejn il-kunsill qed jintalab li jirrifondi lura parti mill-flus tal-proġett minħabba nuqqas tas-Sur Mark Causon li kien il-project manager tal-proġett. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkellmu mas-Sur Causon dwar dan in-nuqqas. Finalment, wara bosta laqgħat, il-lead partners tal-proġett ikkonkludew li ebda flus ma kellhom għalfejn jiġi rimborsati lura.

64.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema **SPI/SCI/4/2023** – Skema ta' Finanzjament Komunitajiet aktar siguri u organizzati fejn il-kunsill qed jiġi nfurmat li l-applikazzjoni ġiet approvata u ser jingħata €10,103.97 għal din l-iskema għal installazzjoni ta' bollards u CCTV cameras.

64.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jinfurmaw lill-kunsill lokali li l-applikazzjoni tal-ġemellaġġ bejn il-Birgu u Jablonna ma ġiex approvat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

64.3.22 Preżentat il-*Grant Agreement* bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Fondazzjoni Kottonera għall-finanzjament tal-fondazzjoni ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) b'risq il-Birgufest 2023.

64.3.23 Preżentat l-invit mill-belt ta' Telavi fil-Georgia sabiex tlieta min-nies mill-Kunsill Lokali tal-Birgu jattendu għall-attività annwali f'Telavi. Is-Sindku qal li peress li l-biljetti tal-ajru kienu għoljin wisq, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iddeċiedew li ħadd ma jattendi.

64.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema **SPI/SCI/5/2023** – Fond ta' Manutenzjoni u Sosten ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn il-kunsill qed jiġi nfurmat li l-applikazzjoni ġiet approvata u ser jingħata €30,000 għal din l-iskema sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-Foss tal-Birgu.

64.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jean Paul Parascandalo fejn qed jitlob biex jagħmel tnedija ta' ktieb il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2023 fil-Berġa ta' Franza. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament ma' din it-talba u flok tintalab donazzjoni għat-tnedija, jingħataw ftit kopji mill-ktieb sabiex jitpoġġew fil-Librerija Reġjonali tal-Birgu.

64.3.26 Preżentata l-kwotazzjoni għal 12-il bandiera tal-Birgu għall-arblu li jinsab fir-roundabout ta' qabel tidħol il-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

64.3.27 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn eSkills Malta Foundation sabiex l-iffirmar tal-MOU isir fil-Berġa ta' Franza fil-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

64.3.28 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Matthew Schembri, General Manager tar-ristorant The Wild West, rigward ilma li ġieli jinżel min shelter minn taħt Couvre Porte. Is-Sindku qal li l-istess shelter ġie imblukkat mir-ristorant stess u m'hemmx aċċess għalih.

64.3.29 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Catherine Mallia dwar COSI Distribution event li kellha ssir nhar it-2 ta' Settembru 2023 ġewwa l-Esplora.

64.3.30 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marouska Borg mill-Animal Welfare Directorate rigward xi dokumenti li qed jingħad li hemm nieqsa. Is-Segretarju spjega li kien mar b'dawn id-dokumenti f'Awwissu.

64.3.31 Preżentata korrispondenza li ntbagħtet nhar it-30 ta' Lulju 2023 mis-Sur Simon Farrugia sabiex juri d-dispjaċir tiegħu għan-nuqqas ta' attendenza mill-kunsill lokali fis-serata li tat rikonoxximent u memorja lis-Sur Lawrence V. Farrugia.

64.3.32 Preżentata korrispondenza mis-Sur Mauro Vassallo dwar il-coaches tat-turisti peress li dawn m'għadhomx jieqfu quddiem il-Monument tal-Ħelsien. Is-

Sindku qal li din is-sitwazzjoni kienet dejjem tmur għall-għar u għaldaqstant Transport Malta u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, ħadu deċiżjoni li coaches ma jinżlux aktar lejn ix-xatt tal-Birgu.

64.3.33 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Cynthia Formosa mill-Active Ageing and Community Care dwar il-proposta tal-ischool grannies.

64.3.34 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett ***'Build it together'*** finanzjat mill-EU taħt il-programm CERV fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa l-*lead partner* filwaqt li s-Sur Mark Causon huwa l-*project coordinator* għall-kunsill.

64.3.35 Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Audrey Anne Callus Randich dwar il-pellegrinaġġ Marjan li sar lura f'Ottubru 2023.

64.3.36 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Roderick Galea għan-nom ta' Amabile Galea dwar il-poġġaman li għadu ma tlestiex fin-niżla ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann. L-ittra ntbagħtet fit-2 ta' Ottubru 2023 u ebda risposta ma kienet waslet sad-data tal-laqgħa.

64.3.37 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rita Barbara fejn qed tilmenta mill-istorbju li ġej minn fejn il-maħżen tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu.

64.3.38 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa dwar l-iskema ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet kif ukoll applikazzjoni għal din l-iskema. Is-Sindku qal li waslu diversi ilmenti minn Triq Dawret l-Isptar, Triq Fuq tal-Ħawli, Triq Joseph Mary Genuis u Triq San Dwardu. Għaldaqstant is-Sindku propona li f'dawn it-toroq jew parti minnhom, isir parkeġġ bil-ħin sabiex tingħata prijorità lir-residenti. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

64.3.39 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Doreen Borg Zammit b'referenza għall-iskeda l-ġdida tal-ftuħ tal-Librerija Reġjonali tal-Birgu. Is-Sindku qal li l-iskeda preżentata kienet li l-librerija tiftaħ il-Ħamis biss bejn it-8:00am u l-4:00pm. Dan ma kienx aċċettat u għaldaqstant il-ħinijiet reġgħu ġew riveduti.

64.3.40 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità dwar tabella li ġiet vandalizzata fi Triq San Lawrenz. Il-persuni nqabdu minn CCTV cameras u għaldaqstant il-Pulizija talbu lill-kunsill kwotazzjoni kemm tiswa' t-tabella sabiex il-vandali, jħallsu ta' għamilhom.

64.3.41 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mitja Bukovec dwar il-proġett VOLT li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab imsieħeb fih u li nhar il-15 u 16 ta' Ottubru 2023 kien ser ikun hemm attività tal-proġett. Is-Sindku spjega li dan kien wisq viċin tal-Birgufest sabiex stajna nattendu.

64.3.42 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Cynthia Formosa dwar id-Day Care Centre għall-anzjani li mistenni jiftaħ f'Diċembru 2023. Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li l-inawgurazzjoni taċ-ċentru se ssir il-Ħamis 23 ta' Novembru fl-10:00am.

64.3.43 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Surmast tal-iskola Primarja tal-birgu dwar kemm hemm tfal fl-età ta' 7 u 8 snin sabiex jinxtara l-ktieb 'Karamellu tar-Raħal t'Isfel' it-3 ktieb u jitqassam lil dawn it-tfal. Is-Sindku propona li dawn il-kotba jitqassmu f'Jum il-Ktieb. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

64.3.44 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Bezzina CEO ta' The Energy and Water Agency rigward charging pillars madwar il-lokalità tal-Birgu.

64.3.45 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port dwar il-kampanja ta' tindif u manutenzjoni fil-lokalitajiet li qed jieħu ħsieb il-Cleansing Department. Is-Sindku qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Ramon Deguara u informahom b'din il-kampanja u bid-dati li se jsir ix-xogħol fil-Birgu.

64.3.46 Preżentata it-tiġdid tal-insurance policy tal-kunsill għas-sena li tibda f'Awwissu 2023 sa Awwissu 2024 li tkopri l-binijiet kollha tal-kunsill u diversi affarijiet oħra. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li din tiġi mġedda għal sena oħra.

64.3.47 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lir-Reġjun Port dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart fil-Birgu. Dan għandu jsir fil-ħin tat-8:30am.

64.3.48 Preżentata korrispondenza mibgħuta konġuntament bejn iż-żewġ soċjetajiet mużikali tal-banda tal-lokalità dwar il-possibilità li jkun hemm numru ta' permessi tal-parkeġġ għall-membri taż-żewġ soċjetajiet peress li ħafna mill-membri huma mill-Birgu iżda ma jgħixux hawn u għaldaqstant qed jingħataw ċitazzjoni. Is-Sindku qal li minn eżerċizzju li sar, jidher li f'dawn l-aħħar snin ma nħarġux ċitazzjonijiet lill-membri tal-istess għaqdiet. Il-Viċi Sindku qal li

għalkemm jifhem din is-sitwazzjoni, jekk jingħataw permessi lil dawn l-għaqdiet, iridu jingħataw lill-għaqdiet volontarji oħra fil-Birgu bil-konsegwenza ta' inqas parkeġġ għar-residenti. Għaldaqstant ma kienx hemm qbil li l-membri tal-għaqdiet jingħataw permessi temporanji.

64.3.49 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Karen Mikula Degiorgio dwar hate speech fiċ-ċelebrazzjoni tar-rebħa tar-Regatta Nazzjonali fil-Birgu minn diversi individwi partikolari. Is-Sindku qal li wieġeb li l-kunsill jikkundanna dak li ntqal u jiddiżassoċja ruħu minn dan kollu.

64.3.50 Preżentata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema SPI.SCI.7/2019 Finanzjament ta' Proġett Kapitali – Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni fejn il-kunsill qed jintalab li jirrifondi lura s-somma ta' €900.46 (disa' mitt Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu) peress li ma kienx hemm nefqa biżżejjed f'din l-iskema min-naħa tal-kunsill lokali.

64.3.51 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Andrea Debrincat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jieħu ħsieb il-fondi Norveġiżi dwar il-proġett tal-lift tal-Berġa tal-Ingilterra peress li ż-żmien issa kien daħal sew biex dan il-proġett ikun magħluq fl-aħħar xhur li fadal sa Frar 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li attenda għall-meeting mal-membri tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jieħdu ħsieb dawn il-fondi, ġie spjegat li issa ma kienx għad fadal żmien li dan il-proġett jitwettaq. Is-Segretarju spjega li t-tender ħareġ darbtejn u ħadd ma tefa' offerti filwaqt li t-tentattivi għal *direct order*, ma seħħewx lanqas.

64.3.52 Preżentata l-invoice tas-servizz tal-Pulizija għaċ-ċelebrazzjoni tar-Regatta li saret il-Ħadd 10 ta' Settembru 2023, liema invoice ġiet imħallsa mill-kunsill lokali.

64.3.53 Preżentat invit li kien mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Nazionale La Valette fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien mistieden. Dan l-invit kien intbagħat b'email lill-kunsilliera meta wasal bil-posta.

64.3.54 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Anthony Licari, Ambaxxatur għal Malta fl-Albanija dwar il-possibilità li jsir ġemellaġġ ma' belt fl-Albanija u żjara tal-Ambaxxatur Albaniż f'Malta fil-Birgu.

64.3.55 Preżentata l-applikazzjoni li ntbagħtet bl-għajnuna ta' Servizzi Ewropej Malta sabiex isir ġemellaġġ bejn il-Birgu u Licata fl-Italja taħt il-programm CERV tal-Unjoni Ewropea.

64.3.56 Preżentata kwotazzjoni għal podium għall-Kunsill Lokali tal-Birgu peress li dak li kellu l-kunsill tkisser. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni u approvaw li dan il-podium jinxtara.

64.3.57 Preżentat ir-rapport finali mibgħuta mill-EUPA għall-proġett imwettaq mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi taħt il-fondi *European Solidarity Corps* fejn approvaw li l-proġett ġie mwettaq u għaldaqstant għandu jingħata l-aħħar pagament finali ta' dan il-proġett. Il-fondi kienu mgħoddija lill-kunsill lokali u l-kunsill għadda l-fondi lis-sezzjoni żgħażagħ.

64.3.58 Preżentata korrispondenza li kienet intbagħtet mill-Pirjol Fr Aaron Zahra dwar il-mixja ta' fidi li saret fil-31 ta' Awwissu 2031.

64.3.59 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħruġ ta' permessi komplimentari mis-sistema tal-permessi fejn tali permess ikun eżentat mill-ħlas.

64.3.60 Preżentata l-kwotazzjoni għall-printing tal-flokkijiet tal-Birgufest 2023. Is-Sindku qal li dawn kienu sponsorjati minn Frank Salt Real Estate u għaldaqstant jirringrazzjahom ta' din l-inizjattiva.

64.3.61 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Massa sabiex tintbagħat ittra formali għal ġemellaġġ bejn Jinan fiċ-Ċina u l-Kottonera u l-Kalkara flimkien. Is-Sindku qal li din il-proposta tressqet mis-Sur Joseph Massa li jaħdem mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, liema proposta diġà kienet diskussa f'laqgħat preċedenti tal-kunsill.

64.3.62 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Marthese Cauchi mid-District Operations Ltd dwar il-ħaddiem assenjat mal-kunsill, Owen Bugeja, fejn dan il-ħaddiem ma kien qed jagħmel assolutament xejn u għaldaqstant ma kienx ser jingħata ebda performance bonus. Din l-ittra kienet mibgħuta fil-21 ta' Awwissu 2023, xhur qabel ma jsir assessment għall-performance bonus għas-sena 2023.

64.3.63 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava għall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jinforma lill-kunsilli lokali li l-fondi għall-għalf tal-ħamiem spiċċaw u l-kuntratt mhux ser jerġa' jiġġedded.

64.3.64 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità dwar illegalitajiet mir-ristorant BeBirgu fejn jidħlu imwejjed, siġġijiet u tapit aħdar u dan sabiex tittieħed azzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.

64.3.65 Preżentati numri ta' inviti li kienu mibgħuta lill-kunsill lokali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Duminku. Dawn l-inviti kienu kollha mibgħuta lill-kunsilliera permezz t'email wara li jkunu waslu l-kunsill.

64.3.66 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claire Sammut f'isem it-tim nazzjonali Malti tan-nisa tal-cricket fejn qed jitolbu li jitwaqqaf klabb tal-cricket tan-nisa u dan ikun affiljat mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu u ma sabu oġġezzjoni għal din it-talba, dejjem jekk din it-talba għadha applikabbli.

64.3.67 Preżentata korrispondenza b'kwotazzjoni ta' ħames mitt (500) basket tad-drapp bi print tal-arma tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fuqhom. Din kienet l-unika kwotazzjoni peress li l-prodott ta' dan is-supplier huwa l-aħjar fis-suq. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li mmorru għal din il-kwotazzjoni.

64.3.68 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Matthew Vella mill-Korporazzjoni tal-Ilma rigward ix-xogħol fi Triq l-Antika. Is-Sindku spjega li hu ltaqa' mal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi sabiex jiddiskuti miegħu l-possibilità li Triq l-Antika tiġi rranġata fit-totalità tagħha u mhux fejn ser jgħaddu s-servizzi tal-ilma biss.

64.3.69 Preżentata korrispondenza dwar l-applikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kumitat Festi Esterni San Duminku sabiex jibbenefikaw għal fondi mill-Awtorità tal-ippjanar għar-restawr tal-aperturi fil-faċċata ta' binja tal-istess għaqda. Is-Sindku spjega li l-Kumitat Festi Esterni applika għal ammont iżda ma ġiex mogħti l-ammont kollu sabiex jitwettaq dan il-proġett u għaldaqstant kien qed jitħaddet mas-Sur Enzo Cachia sabiex jingħataw il-fondi neċessarji. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li għandu jsir komunikat mal-Kumitat biex il-kunsill ikun jista' juża dan il-post għal xi attività la darba jkun lest.

64.3.70 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Falzon, CEO ta' Infrastructure Malta fejn elenka xi punti b'relazzjoni għall-iżviluppi li seħħew f'Sally Port (Triq il-Piccolo Soccorso) fl-aħħar ġimgħat ta' Ottubru 2023. F'din l-email, is-Sur Falzon qed jgħabbi bir-responsabilità lill-Kunsill Lokali tal-Birgu wara li t-tabelli li kien hemm imwaħħlin mat-triq kollha bħala avviż ta' attenzjoni

lill-pubbliku, tneħħew mill-ħaddiema tal-kunsill. Għaldaqstant ġie deċiż li jintalab parir mill-Avukat tal-kunsill dwar dan is-suġġett.

64.3.71 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gianluca Busuttil sabiex jikri Couvre Porte għat-tieġ. Is-Sindku qal li għandu jiġu rivedut l-ammont mitlub għall-kirja taż-żona u l-ħlas għal ħaddiem assenjat mill-kunsill sabiex ikun preżenti waqt l-attività. Is-Sindku propona li l-kirja għandha tkun ta' elf (€1000) Ewro flok tmien mija (€800), b'depożitu ta' tliet mitt Ewro (€300), depożitu għall-ħmieġ li jingħata lura wara l-attività ta' ħames mitt Ewro (€500) u ħlas addizzjonali ta' mitejn Ewro (€200) li jkopri l-overtime tal-ħaddiem tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

64.3.72 Preżentat ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2023 ***(Quarterly Financial Report 1),*** minn Jannar sa' Marzu 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għall-ewwel kwart tas-sena, il-Kunsill Lokali tal-Birgu spiċċa b'surplus ta' **€52,939** (tnejn u ħamsin elf, disa' mija u disgħa u tletin Ewro). Dan is-surplus ma jirriflettix is-surplus jew defiċit li bih jagħlaq is-sena r-rapport finanzjarju tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvaw dan ir-rapport finanzjarju.

**64.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.4.1 Is-Sindku propona li jintalab permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jiġu ngaġġati żewġ persuni b' *reduced hours* mal-kunsill lokali tal-Birgu. Dawn iż-żewġ persuni ikunu jistgħu jassistu fl-uffiċini tal-kunsill meta meħtieġ u anke bħala sewwieqa. Is-Sindu qal li dawn il-ħaddiema se jkunu qed jitħallsu mill-ħlasijiet tal-permessi li jsiru mal-kunsill lokali. Il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

64.4.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera bix-xogħol kollu li sar fiż-żona f'Fuq tal-Ħawli fl-aħħar xhur. Is-Sindku qal li *mail shot* bix-xogħol kollu li sar tqassmet fid-djar kollha f'Tal-Ħawli.

64.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli staqsa hux possibbli li fejn il-Klabb tal-Boċċi tal-Birgu, fil-kantuniera li tħares lejn il-Port il-Kbir, isir salib fuq kolonna tal-ġebel li jfakkar it-tberik li jsir fl-Għid il-Kbir mill-Arċipriet tal-Port u tal-opra tal-baħar.

64.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli ġibed l-attenzjoni li fiż-żona ta' Couvre Porte m'hemmx *dustbins/ashtrays* tas-sigaretti u għaldaqstant, il-loqma tas-

sigarett tispiċċa fil-pjanti jew mal-art. Is-Sindku qal li nistgħu ninstallaw żewġ ashtrays milli hemm fil-kantina fil-Berġa ta' Franza.

64.4.5 Is-Sindku qal li jkun xieraq li jsir riċeviment għall-għaqdiet u anke għal dawk kollha li taw xi forma ta' donazzjoni lil kunsill lokali hekk kif dan huwa l-aħħar Milied ta' din il-leġislatura tal-kunsill preżenti. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett, ġie deċiż li jsir fis-6 ta' Jannar 2024 fil-Mużew Marittimu jekk dejjem ikun possibbli.

64.4.6 Is-Sindku ppreżenta dettalji u stampi għal vettura żgħira tal-elettriku li fiha tista' toqgħod xirja u titwassal lill-anzjani li ma joħorġux. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill jaħseb biex ikun jista' jixtri waħda.

64.4.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li għandu jsir Risk Assessment minn Transport Malta u/jew Infrastructure Malta biex il-parkeġġ fi Triq il-Mina l-Kbir jinqaleb fuq in-naħa tal-ispiżerija fit-tul kollu tat-triq. B'hekk il-karozzi li jinżlu dirett minn Triq il-Mina l-Kbira, jibqgħu f'linja dritta għall-Pjazza tal-Birgu.

64.4.8 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-festin tal-Milied għat-tfal se jsir fil-15 ta' Diċembru 2023 fil-Berġa ta' Franza filwaqt li tal-anzjani se jsir fil-22 ta' Diċembru 2023 fil-Kulleġġ ta' San Dwardu.

**64.5 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

64.5.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 57** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6445 sa BOV6446/ BOV6455 sa BOV6456 u HSBC 9841 sa HSBC 9843, l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 58** għall-Jum il-Birgu u **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 59** għall-Birgufest 2023 li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru **BOV 6447 sa BOV6454** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**64.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

64.6.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem iżda se ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2023.

Konfermati llum: **L-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023**

John Boxall
**Sindku**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**